# IL-VOKAZZJONI TIEGHU RELIGJUZA

F'Ottubru tas-sena 1902, meta kellu 15 il-sena, talab biex jidhol fl-Ordni tal-Kappucini. Meta hafna snin wara staqsewh ghaliex ghazel dik l-ordni huwa tbissem u wegibhom: "Jiena dejjem kont inhobb ir-religjuzi li jkollhom il-baffi.." Imma fir-realta' huwa kien jara fl-Ordni tal-Kappucini, dawk li jghixu fl-osservanza ta' l-ispirtu frangiskan.



**Meta habbat il-biebtal-kunvent gie jiftahlu u jilqghu Fra Camillo, dak il-bniedem li hajru jidhol ma' l-Ordni tal-Kappucini.**

Fis-6 ta' Jannar tas-sena 1903, huwa kien ammess ghan-novizzjat gewwa Morcone u tawk l-isem ta' Fra Pio. Fil-harifa ta' l-istess sena, missieru rritorna mill-

Amerka. Wara li ghadda xi ftit jiem mal-familja gewwa Pietrelcina, huwa kellu xewqa kbira li jmur izur lil ibnu gewwa Morcone, imma ha l-hasda ta' hajtu meta quddiemu sab zaghzugh pallidu u irqieq. Huwa staqsa lill-majjistru tan-novizzi, " X'ghamiltulhu lil ibni? Bil-kemm nista' naghrfu."

"Ma ghandekx ghalfejn tinkwieta, sinjur; ibnek ma hux fil-periklu. Meta jidra' jimmodera l-mortifikazzjonijiet, jerga'jiehu r-ruh bhal qabel."



Plakka li tikkommemora il-bank fejn qaghad bil-qieghda Francesco waqt li kien jistenna t-trejn ghal Morecone.

Fi kliem iehor il-fra zaghzugh kien entuzjasta fuq ir-regola u l-ispirtu ta' l-ordni mwaqqfa minn San Frangisk. Ftit wara Fra Pio intbaghat gewwa l-monasteru ta' Sant'Elija gewwa Pianisi, fejn temm in-novizzjat tieghu u ghamel il-professjoni religjuza tieghu.

Matul is-sitt snin ta' wara hejja ruhu ghas-sacerdozju permezz ta' l-istudju u l-mortifikazzjoni ma naqsitx, kif jirrakonta missieru: "Jum wiehed il-patrijiet Frangiskani

sejhuli u meta wasalt il-kunvent sibt patri jistennini. “Kif inhu Fra Pio?,” staqsejt. Wegibni li ilu ma jiekol 15 il-gurnata. “Ninsabu mhassba li ma jkunx jista’ jimxi aktar. Hudu d-dar, u qis li zzommu l-platti, kikkri u l-bqija li juza hu, separati, l-aktar jekk ghandkom xi trabi.” (Bezghu li ha l-marda tat-tuberkolosi.)

“Jekk ghandu jmut, hallih imut id-dar,” wegibt jiena (il-missier)

Wara li missieru akkwista l-permess mehtieg, il-missier u l-iben hejjew ruhhom biex jirritornaw gewwa Pietrelcina. Pio tant kien dghajjef li kellhom ikunu zewg patrijiet li jghinuh jilbes u jimxi. Il-missier esklama: “ X’ghandna naghmlu? Jista’ jmut waqt il-vjagg.” Meta waslu fl-istazzjon il-missier staqsa lil ibnu: “Kif thossok?”

U Pio wiegeb: “ Xi ftit ahjar.”

Il-missier ma tax kaz ta’ l-ispejjes meta fin-nofs kien hemm ibnu. Qata’ zewg biljetti prima klassa u nsista li Pio jixrob tazza imbid, imma ibnu rrifjuta. Meta waslu d-dar Pio wera’ xewqa kbira li jiekol dak li hejjiet ommu. “Ma, x’sajjart ghal ikel?”

“Wegbitu: “ Gdur, ibni.”

“Il-favoriti tieghi.”

Dak inhar filghaxija kiel daqs erbat irgiel f’daqqa. Fi ftit kliem kien fieq.

********

Fl-10 ta' Awissu tas-sena 1910 huwa gie ordnat sacerdot fil-katidral ta' Benevento. Kollega tieghu staqsieh jekk kienx raqad sew illejl ta' qabel. Pio wiegeb: " Kif stajt norqod bil-qalb tieghi mimlija ferh."

Erbghat ijiem wara, jigifieri fl-14 ta' Awissu, huwa ccelebra l-ewwel quddiesa tieghu gewwa Pietrelcina. Tista' tghid li l-popolazzjoni kollha tar-rahal attendiet. Qatt ma kienu raw sacerdot li josserva r-regoli kollha kif ghandha titqaddes quddiesa b'tant devozzjoni.

******



**Ir-refetorju li kienu juzaw il-patrijiet u n-nvizzi.**

**Ic-cella ta' Fra Pio gewa Morcone.**

Fil-kunvent tal-kappuccini, wara l-ordinazzjoni tieghu huwa kien jghix hajja semplici, uniformi u mimlija sagrificcji. Ma' shabu l-patrijiet kien dejjem, ferhan u kellu relazzjonijiet mill-ahjar.

Fil-Hdud u festi r-religjuzi kellhom il-permess li jitkellmu meta jkunu fir-refetorju qeghdin jieklu. F'dawn il-mumenti Padre Pio kien jiehu sehem attiv billi jirrakonta

grajjiet interessanti u jitkellem u jisma' lil min jitkellem fuq suggetti differenti.

Darba rrakontalhom l-istorja tar-rekluta li s-surgent tieghu ttrenjah ghaz-zjara li kellu jaghmel ir-re ta' l-Italja fil-kwartieri taghhom. "Jekk ir-re jistaqsik kemm ghandek snin wiegeb tnejn u ghoxrin. Jekk il-mistoqsija tar-re tkun kemm ilek isservi fil-militar wiegeb sentejn u meta jistaqsik lil min isservi bil-qalb l-aktar, ir-re jew ir-renju, wiegeb it-tnejn." Hekk ittrenjah is-surgent u r-rekluta studjhom tajjeb it-twegibiet. Meta r-re wasal fil-kwartieri tal-militar, mar fuq is-suldat u staqsieh kemm ilek isservi fil-militar, is-suldat wiegbu : " Tnejn u ghoxrin sena." Meta staqsieh kemm kellu snin wiegbu : " Tnejn" . Hawn ir-re thawwad u qallu: "Jew jien jew inti, xi hadd minna huwa iblah." U s-suldat bl-innocenza kollha wiegbu: " It-tnejn, Maesta."

Kulhadd kien ihobbu u jistmah. Wara rekreazzjoni qasira, kien jirritorna lejn il-knisja u jitlob u jaghmel meditazzjoni. Hafna sighat kien jghaddihom quddiem Gesu' Sagrament f'mumenti ta' adorazzjoni. Wara kien jirtira fic-cella tieghu fejn kien idum jaqra' sa tard bil-lejl. Ma kienx jorqod aktar minn tlett sighat jew erba. Normalment kien iqum fit-3.30 a.m. jitlob parti zghir mill-brevjar u jhejji ruhu ghall-quddiesa fic-cella tieghu. Fil-5 kien imur fis-sagristija u jibda' jilbes ghall-quddiesa. Fuq mejda zghira magemb l-altar dedikat lil San Frangisk huwa kien iqaddes b'devozzjoni l-aktar kbira; kien idum madwar siegha u nofs. Spiss kien jintilef f'estasi. Lil abbati li kien iservih fil-quddiesa talbu biex idoqq il-qampiena kull darba li jintilef f'estasi sabiex

ikun jista' jtemm is-sagrificcju qaddis. Jekk ma kienx jaghmel ma kien jispicca qatt.



Wara l-quddiesa waqt li kien jaghmel ir-ringrazzjamenti tieghu fis-sagristija kien jghaddi minn esperjenzi mistici, Wara dan kien imur jiehu l-kolazzjoni - tazza ilma. F'nofs inhar il-pranzu tieghu kien jikkonsisti fi hxejjex u frott. Rari kien jikkonsma laham u bajd u r-ross kien ta' hsara ghal sahhtu. Fil-jiem shan tas-sajf kien jixrob tazza birra u hafna ilma. Filghaxija ma kienx jiekol. U b'dan kollu flok kien jonqos kien jizdied fil-piz.